**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 419 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**David Abela**

Illum 4 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant David Abela ta' 40 sena, bin Oreste u Gemma nee Saliba mwieled f' 06.11.1977 u joqghod, 3a, Flat 2, Triq il-Blat il-Qamar fi Triq il-Gdida, Siggiewi ID: 572177 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'19 ta' Settembru, 2018, ghall-habta ta' 17.30hrs u fil-granet ta' qabel din id-data gewwa Triq Blat il-Qamar Siggiewi:

Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra il-ligi izda biss tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil Josephine Scicluna fil-pusses u godiment tal-propjeta taghha billi ghalaqt l-access bl-affarijiet li jippartjenu lilek.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil David Abela hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) wahda millum.

Il-Qorti fissret is-sentenza lil hati skont l-Artikolu 22 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant David Abela, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

A. **<u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi Fir-rigward tar-reat ta' Raggion Fattasi</u>**

**A.1 Generali**

Illi permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti qieghed jikkontendi illi fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jirrizultawx l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' raggion fattasi skond l-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "**<u>Il-Pulizija vs Denise Caruana</u>**"[1] tistipula li:

[1] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

*"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort' ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b' idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*

Gie ritenut f' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna illli l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *raggion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgha (4) u cioe':

1. Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
2. Il-Kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;
3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u
4. L-att ma jinkwadra ruhu f' reat iktar gravi.

Illi biex jissustitwixxi dan ir-reat, iridu jigu ppruvati l-erba' elementi, stante li tali elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**A.2 Dwar l-element tat-tgawdija mill-parti leza**

Kif gia gie indikat iktar 'il fuq, sabiex l-esponenti setgha jinstab hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, kien jinkombi illi jigu ppruvati l-elementi kollha illi jsawwru r-reat taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Wiehed mill-elementi indispensabbli huwa indubbjament "l-att materjali u estern li jispolja lill-kwerelanti minn xi haga li jkun qed igawdi." Konsegwentament kien jinkombi fuq il-Proskeuzzjoni illi tipprova sal-grad tac-certezza morali illi bit-tpoggija tal-oggetti fil-passagg mertu tal-akkuza odjerna, l-kwerelanti gew spoljati minn xi haga li kienu qeghdin igawdu.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kontro-ezami tal-kwerelanta Josephine Scicluna ta' nhar is-17 ta' Jannar, 2019. In kontro-ezami, il-kwerelanta kkonfermat bil-gurament taghha illi l-affarijiet illi kienu qeghdin joholqulhom l-inkonvenjent kienu ilhom fil-passagg sa minn qabel ma huma xtraw is-sit *de quo*. Dan il-fatt ikkonfermah ukoll il-kwerelant l-iehor, ossia John Schembri matul id-deposizzjoni tieghu ta' nhar id-19 ta' Ottubru, 2020 fejn stqarr illi l-konok tal-gebel kienu f' dan il-passagg sa minn qabel ma xtara l-art.

L-esponenti jissottometti illi l-kwerelanti qatt ma ezercitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq il-passagg mertu tal-imputazzjoni odjerna u konsegwentament l-allegat agir tal-esponenti ma setgha qatt ixekkel lill-parti leza.

In vista tas-su espost, l-esponenti jistaqsi:

Kif qatt jista' jkun li l-agir tal-appellant kien qieghed ixekkel lill-kwerelanti milli jkomplu jgawdu dan il-passagg jekk min imkien ma jirrizulta li l-kwerelanti kienu qeghdin igawduh dan il-passagg?

Mhux talli ma jirrizultax illi l-kwerelanti kienu qeghdin igawdu dan il-passagg, talli ghad-dirittura jirrizulta ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi meta l-kwerelanti xtraw is-sit in kwistjoni, it-tgawdija u l-pussess ta' dan il-passagg kien f' idejn il-kwerelant.

Il-mankanza ta' dan l-element kostituttiv tfisser illi l-motivazzjonijiet li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex taghti ragun lill-kwerelanti kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati billi ma hemm l-ebda prova illi l-agir tal-appellant naqqas b' xi mod jew iehor mit-tgawdija ta' dan il-passagg min-naha tal-parti leza stante li l-istess parti leza qatt ma kellha t-tgawdija tal-istess.

Referenza qieghda ssir ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Brian Attard**' [2] fejn gie mghallem illi:

> *"Wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' ragion fattasi hu li l-persuna allegatament spoljata jkollha l-pussess tal-oggett in kwistjoni. Di fatti d-definizzjoni tar-reat de quo tirrikjedi li l-hati jkun "fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu".*

L-esponenti jistaqsi, jekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-kwerelanti kellhom il-pussess ta' dan il-passagg, kif qatt seta' huwa jinstab hati? Kif jista' jkun illi l-appellant fixkel lill-kwerelanti fit-tgawdija ta' dan il-passagg, jekk jirrizulta ppruvat illi dan il-passagg qatt ma kienu jgawduh?

Il-gurista Carrara li invarjabilment jigi citat bhala l-pedament awtorevoli tal-erba' elementi tar-reat ta' ragion fattasi diversi drabi riaffermati fil-gurisprudenza taghna wkoll jesponi dan l-ewwel element bhala *"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."*

Il-Carrara imbghad jispjega dan l-element billi jghid li;

> *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perche la legge protegge*

[2] Deciza nhar il-11 ta' Settembru, 2015 per Onor. Prim Imhallef S. Camilleri

*lo statu quo, il quale non puo variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell' autorita giudiciale."*

Dan kollu gie riaffermat fis-sentenzi citati mill-ewwel Onorabbli Qorti stess. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Bongailas'** deciza nhar it-22 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3] gie deciz:

> *"Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull* ***att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi****. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-*propjeta' *taghha.* ***Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga"*** *(enfasi tal-appellant)*

In oltre f'sentenza ohra tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati Malta[4] fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Eugenio Philip Vassallo'** deciza nhar l-10 ta' Jannar, 2010 gie identikament mghallem illi:

> *"Sabiex jigi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux bizzejjed li persuna tigi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess, izda jrid jigi ppruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tieghu."*

Tenut kont tas-su espost kollu, fid-dawl tal-provi prodotti, senjatament fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta ampjament ppruvat illi l-pussess u t-tgawdija ta' dan il-passagg qatt ma kienu f' idejn il-kwerelanti izda ghall-kuntrarju kienu f' idejn l-appellant stess, l-esponenti jemmen bis-shih illi wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat ma jista' qatt jigi

[3] Per Onor. Imhallef P. Vella
[4] Per Mag. Dr. A. Bugeja (Illum Imhallef)

ppruvat u konsegwentament ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2022.

**Ikkunsidrat,**

Rat l-affidavit ta' **PS 1502 R. Grech** esebit fl-atti[5] fejn dan spjega illi nhar id-19 ta' Settembru, 2018 ghall-habta ta' 14.50 p.m waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa Haz-Zebbug gie infurmat li Josephine Scicluna rraportat l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid li kien hemm xi hadd li kien qed itilfilha l-access taghha ta' sqaq komuni fi triq Gdida fi Triq Blat il-Qamar, is Siggiewi. Josephine Scicluna stqarret li hija ghandha proprjeta gewwa triq it-Tank, Siggiewi u minn wara tinfed ghal Triq Guzeppi Busuttil. Josephine kompliet tghid li minn gewwa Triq Guzeppi Busuttil ghandha access biex tidhol go sqaq komuni bejn diversi residenti u jinfed ghall-bitha fejn hemm diversi garaxxijiet. Peress li persuna maskili li joqghod go flat 2 fl-istess bitha kien tefa' xi pjanti u oggetti ohra hija ma tistax tidhol bil-makkinarju sabiex taghmel xi xoghol fil-proprjeta taghha u kif ukoll minhabba l-imsemmija oggetti hija ma tkunx tista tidhol fil-garaxx meta jinbena.

Jospehine Scicluna uriet kopja tal-kuntrtt fejn jindika li *'inkluz ma din il-porzjoni kwalunwke sehem u interess li l-vendituri ghandom mill-imsemmi passagg komuni tal-kejl ta' circa tlett mija u erbghin metri kwadri konfinanti min nofsinhar mal-porzjon gja deskritta ,mill-punent mabeni ta Caldidonia Farrugia mart Giljan Farrugia u mit-tramuntana tizbokka fi Triq Guzeppi Busuttil drabi ohra indikata bhala Triq bla isem li tisbokka fi Triq Blat il Qamar."*

Josephine stqarret li ppruvat tkellem l-imsemmija persuna bil-kelma t-tajba izda huwa qalilhom li jekk icaqilquhom ser isibu l-vendikazzjonijiet.

[5] Fol. 3 tal-proceduri

Illi nhar id-19 ta' Settembru, 2018 ghal habta tas-18.00 Jospehine Scicluna pproduciet numru ta' registrazzjoni KLE 100 li juza l-persuna relatata u li taf li jismu David.

Huwa ghamel kuntatt ma dan David fejn sostna li hemm xi affarijiet li huma tieghu kif ukoll hemm affarijiet bhal hawt, sigar u pjanti li ghamluhom il-girien kollha li joqghodu hemm. David Abela sostna li xi jiem ilu gew b'arroganza jkellmuh persuna femminili flimkien mar-ragel taghha fejn qalulu minhabba l-affarijiet, fejn sostna li huwa mhux qed jaghmel l-isqaq tieghu pero l-intenzjoni taghhom hija li x-xatba li ghamlu tinfetah 'l barra cioe gol-isqaq, triq fejn joqghodu huma. Dan Abela zied jghid li dakinhar heddewh li ser ikelmu Avukat fejn huwa qalilhom li jistghu jghamlu dan anzi inkoragihom li jaghmlu dan.

Huwa imbaghad cempel lil Josephine u qalilha b'dak li kien irrizultalu u din stqarret mieghu li meta kelmuh kien kellihom hazin. Ghalhekk talab lil David Abela biex jirraporta l-ghassa. Nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 ghall-habta tas-19.30 p.m mar l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug u sostna li fix-xahar ta' Awwissu kienu avvicinawh l-kwerelanti flimkien mar-ragel taghha bil-kelma it-tajba minhabba van li kellu fil-proprjeta taghhom u cioe li kienu ghadhom kemm xtraw fejn l-ghada ta' Santa Marija kien nehha dan il-vann u dan fejn kien hemm persuna li ghamillu pjacir u nehhewh bla ebda problema. David zied jghid li huwa ghadda b'mod komdu bil-vann u ma jafx kif qed jghidu li hu qed jostakolalhom l-access ghall-proprjeta taghhom. Qal li wara regghu kkonfrontawh l-istess zewg persuni minhabba xi affarijiet li ghandu mal-hajt fl-isqaq skond hu privat li jinkludu xi ghooda fix-xoghol tal-bini u affarijiet fuq imsemmija fejn b'arroganza kbira bdew ikelmuh biex inehhi dawn l-affarijiet fejn inqala daqxejn ta' dizgwid bil-kliem bejniethom. David Abela kompla li din l-istorja ma bdietx minn hawn izda sostna li huwa kien jaf sewwa lir-ragel tal-kwerelanti fejn semmih bil-laqam tal-iskallec fejn it-tnejn jahdmu fl-istess mestier tal-bini u sema li meta kienu jafu lil xulxin kwazi dan ta' l-ahhar beda kwazi jibki fejn ser izomm l-affarijiet li ghandu konnessi max-xoghol tal-bini.

Abela sostna li mar-ragel tal-kwerelanti kellu stima ta' madwar €16,000 fuq l-istess vann li kien hemm sorgut fil-proprjeta taghhom biex isirlu kaxxa u krejn u skond hu ma jafx kif ma gharfux fejn sfaxxa kollox bejniethom. Abela zied jghid li meta gew l-ewwel darba kien ferhilhom li kienu xtraw din il-proprjeta anzi ukoll kien offrilhom id-dawl, u l-ilma biex ikunu jistghu jahdmu. Abela kkonferma li r-ragel tal-kwerelanti jaf li l-affarijiet li ghandu barra fi sqaq privat m'ghandux fejn jghamilhom aktar ukoll minhabba l-problemi li ghandu bhal issa fejn m'ghandux post fiss fejn sejjer joqghod minhabba l-bejgh tal-proprjeta matrimonjali. Abela xtaq li jinghata ftit ta' zmien biex inehhi dawn l-affarijiet fejn sostna li l-hawt il-kbir li ghandu mal-ghodda imsemmija kien gja kellem lil Pawlu tal-Wied ta' Hal Qormi biex issiblu l-bejgh taghhom.

**Josephine Scicluna** xehdet nhar is-17 ta' Jannar, 2019 u spjegat li f'Gunju 2018 xtraw bicca art gewwa is Siggiewi u sabuha kollha skart u hmieg. Qabdu lil min inaddafha. Din is-sit jinfed minn zewg toroq minn triq u minn passagg komuni. Meta gew biex jidhlu mill-passagg komuni biex ikomplu inadfu s-sit ma setghux ghax l-apparat ma kienx qed jidhol minhabba affarijiet li kien hemm impoggija mal-hajt. Kien hemm hwat, sigar hziena bicciet ta' ghodda. Raw ta' min kienu u cioe tal-akkuzat David Abela u talbuh biex inehhihom. Ghall-ewwel talbuh biex iressaq 'l quddiem u li s-sigar kellha tinqata' u dan ghaliex jekk jidhlu bit-trukk ma jkunx jista jsir it-thaffir ghax it-trukk ma jghaddix. Huwa esebixxa ritratt immarkat bhala dok JS1 tat-trukk ta' David u jekk jidhol trukk usa minn dan ma jkunx jista jidhol minhabba l-affarijiet li hemm mal-genb ta' l-isqaq. Spjegat li f'dan l-isqaq jista' jidhol kulhadd minghandu proprjeta jew appartament hemmhekk. Wara x-xatba hija proprjeta esklussiva taghhom. Qalet li kienet hi li hadet ir-ritratti li esebiet. Dok JS1 haditu hmistax-il jum qabel ma xehdet filwat li dok JS2, JS3 u JS4 hadithom lejliet ix-xhieda taghha. Ix-xatba murija fir-ritratt JS4 huwa l-istess wiehed muri fid-dok JS1.

Qalet li meta tkelmu mal-akkuzat l-irjus sahnu. Qalet li kien mar tal-gaffa biex inaddaf 'l bicca ta' wara u ma setghax jidhol. Mistoqsi kif taf li l-affarijiet huma tal-akkuzat

tghid li qalilhom li jekk icaqilquhom ghandhom ikunu lesti ghall-vendikazzonijiet. Tghid li x'hin jigu biex jidhlu bil-mekkinarju l-fetha tidjieq minhabba dawn l-affarijiet u ma jkunux jistghu jidhlu. Qalet li l-pulizija qaltilha li kienet kelmitu pero skond hu kelmuh hazin u ghalhekk ma riedx inehihom. Mistoqsi jekk ghandux proprjeta hemmhekk tghid li ghandu l-flat enumerat 2. Pero ghandu zewg vannijiet wiehed izommu wara x-xatba u l-iehor fit-triq u ghalhekk ma tahsibx li ghandu xi garaxx minn dawk li hemm. Spjegat li skond il-kuntratt ta' akkwist taghha hija ghandha dritt ta' access minn din it-trejqa. Qalet li gieli tara xi ghodda li hemm mal-hajt fuq il-vann tieghu. Anke id-*dustbin* huwa tieghu tant li fuqu hemm miktub flat 2. Mistoqsija kif taf li l-oggetti huma tal-akkuzat tghid li kieku mhux tieghu ma kienx jghidilha"*tmisshomx ghax ikollok vendikazzjoni."* Ikkonfermat li meta xtrat il-proprjeta taghha l-affarijiet gja kienu hemm. Qalet li huwa l-akkuzat li juza' dan il-high up. Qalet ukoll illi ma kienx ghadu jipparkja l-vann tieghu quddiem ix-xatba pero is-siehba tieghu kienet qed tipparkja l-vettura taghha u tibblokka l-garage. Ikkonferma li ratu inizzel l-imbarazz u kien ghalhekk li hadet ir-ritratt minn gewwa l-proprjeta taghha.

Illi nhar id-19 ta' Ottubru ix-xhud regghet xehdet u meta mistoqsija kif kienet is-sitwazzjoni ta' bejnha u l-akkuzat stqarret li min naha tal-ghodda din giet imnehhija minn quddiem il-garage. Il-bennej caqlaqlu xi blokka tal-konkret lejn il-hajt u awtomatikament rega mar u hadha fejn kienet. Qalet li kellha ritratti li jindikaw li flok l-ghodda li gabar pogga imbarazz u hmieg kif murija fir-ritratt JS 5. Dan ir-ritratt juri il-hmieg li hemm mal-hajt u l-high up li juza biex inizzel l-affarijiet.

**John Scicluna** xehed nhar is-17 ta' Jannar, 2019 u kkonferma li kien xtara plot u beda inaddafha mill-hmieg li kellha u x'hin waslu fil-bicca fejn imissu fuq wara ma setghax minhabba l-affarijiet. Ma setax inaddaf il-post mill-affarijiet li kienu ilhom jarmu ghal tnax-il sena. Qal li anke trukk kien hemm.

F'Settembru wasal biex inaddaf u kien hemm l-affarijiet mal-genb u sab lill-akkuzat u qallu biex icaqilqhom'l barra biex ikun jista jghaddi bil-gaffa u dan wiegbu li *'jekk icaqlaqhom nghamillek vendikazzjoni.'* Spjega ukoll li meta kien hemm it-trukk u ra in-numru fuqu u cempel in-numru inzerta li kien l-akkuzat. Meta talbu biex nehhih qallu li kien lest li inehhi t-trukk izda mhux l-affarijiet u cioe il-qsari, saqqu, ghodda u l-imbarazz. Muri r-ritratt markat bhala dok JS2 jghid li dan juri l-affarijiet li qed jitkellem dwarhom. Meta qallu biex inehhi l-pjanti qallu *'nghamillek vendikazzjonijiet'*. Huwa ma qallux biex inehhihom izda biex icaqlaqhom biex ikun jista jahdem bil-gaffa.

Qal li dak in-nhar meta xehed huwa ma setax jahdem l-art ghaliex tal-gaffa ma setax jghaddi. Minn dak in-nhar tar-rapport kull ma nehha kienet il-gagga li jdendel mal-crane.

Ix-xhud rega xehed nhar id-19 ta' Ottubru 2020 u qal li kien ha footge fuq il-mowbajl tieghu fejn juri lill-akkuzat ihott minn fuq it-trukk bil-bajla bil-high-up. Qal li ra lill-akkuzat igib is-saqqijiet u l-bibien u ihallihom fil-komun. Jghid li anke fridge pogga. Qalet li kull meta imur bil-vann mghobbi l-ghada tara l-imbarazz fil-komun. Il-vann jghalaq l-access tieghu. Ikkonferma li meta xtara il-proprjeta il-konki u it-trukk kienu gja hemm fil-komun.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant qed isostni li l-kwerelanti qatt ma kellhom it-tgawdija tal-parti in komun mal-akkuzat minkejja li skond il-kuntratt ta' akkwist taghhom jista jirrizulta li kellhom dritt ta' access u dan ghaliex kif stqarrew iz-zewg kwerelanti meta xtraw il-plot, il-passagg kien gja ingombrat b'affarijiet u ghalhekk dan ifisser li in effetti l-kwerelanti qatt ma kellhom il-pussess tal-passagg. Jista jghati kaz li ghandhom dritt ta' access mill-passagg pero dan ma ifissirx li jezistu l-elementi tar-reat kif kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat irid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur tieghu jfixkel jew jiddisturba l-uzu, tgawdija jew pussess tal-parti leza u allura icaqlaq l-istatus quo u dan billi jippretendi li ghandu xi jedd skont il-ligi. Infatti din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[6], hekk stqarret:

> *L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*
>
> *Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

Dan ghaliex[7]

> *'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.*

---

[6] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001
[7] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961

Jidher car li l-artikolu 85 jipprotegi l-pussess u l-uzu tal-haga u mhux id-dritt ta' proprjeta' infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Bianco</u>**[8] il-Qorti irriteniet li:

> *Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta'' din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta'' dan ir-reat m''hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b''azzjoni ta'' terzi sabiex b''hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett.*

Illi mill-fatti probatorji jirrizulta bla dubbju ta' xejn u bl-aktar mod oggettiv, konkret u fattwali li l-passagg huwa proprjeta komuni li jaghti access ghal diversi nies. Bhala fatt dan ma giex kontestat. Dan stabbilit, madanakollu, din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' indoli penali ma ghandhiex setgha tistharreg kwistjonijiet ta' natura civili, u cioe' il-jedd ta' uzu u access, izda biss ghandha tistharreg jekk l-elementi li johorgu mir-reat mahsub fl-artikolu 85 jissussistux u kwindi jekk kienx jezisti xi stat ta' fatt li unilateralment gie imfixkel mill-appellanti, indipendentement mid-dritt tieghu li igawdi l-access.

> *L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo*[9]

Huwa dan li jfittex li jhares l-legislatur meta fassal ir-reat tal-hekk imsejjah *raggion fattasi* u mhux li jissalvagwardja xi jeddijiet ta' tgawdija jew inkella ta' proprjeta. Dawn ghandhom jigu determinati fil-fora civili u mhux quddiem din il-Qorti.

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nahr il-5 ta Marzu 2010
[9] l-Pulizija vs Jane Scicluna App.Inf. 09/02/2010

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kwerelanti xtraw post gewwa Triq Blat il-Qamar is-Siggiewi u dan bi dritt ta' access minn parti mizmuma in komuni ma terzi. Pero' meta xtraw din il-proprjeta' jirrizulta li gja kien hemm ingombru u cioe li l-akkuzat gja kellu b'mod abbusiv diversi oggeti f'dan il-passagg li possibilment seta illimita l-uzu ta' terzi mill-access li seta ghandhom. Pero dan ir-reat irid li l-akkuzat fixkel lill-kwerelanti mit-tgawdija u pussess li gja kellhom bl-ghemil tieghu. F'dan il-kaz jirrizulta li fiz-zmien indikat fic-citazzjoni l-kwerelant kien ghadu ma kellux it-tgawdija tal-passagg izda kien ghadu qed jittenta jiehu l-access li kellu dritt ghalih. Ghalhekk stante li ma jirrizultax ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-akkuzat fil-fatt fixkel lill-kwerelanti minn xi pussess din l-akkuza ma tistax tirrizulta provata sodisfacentement.

Konsegwentement din il-Qorti qeghda takkolji l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur